**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Antonello Grech)**
**(Spt. Sandro Zarb)**

**vs**

**Hadhri Rochdi Ben Salem**

Seduta tal-lum 26 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Hadhri Rochdi Ben Salem, ta' 27 sena, bin Salem u Fatila nee Ben Mustafa, imwieled Sfax, Tunisia Passaport Nru L543517, kif riportati a fol wiehed tal-process bil-mod segwenti:

Nakkuzah talli f'Ghawdex, f'dawn l-ahhar xhur qabel l-1 ta' Jannar, 1999, ikkometta diversi serqiet ta' flus ghad-dannu ta' Robert Grima, minn San Lawrenz u Arnold Maniscalco, miz-Zejtun, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

Ukoll talli f'Ghawdex, f'dawn l-ahhar xhur qabel l-1 ta' Jannar 1999, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biza dwar grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta' Robert Grima, minn San Lawrenz, tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta' Robert Grima, minn San Lawrenz, Edmond Cachia, minn Fgura, Joseph Gauci, minn Victoria u Emanuel Grech, minn Ghajnsielem;

Ukoll talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur kiser kundizzjoni mifhuma ta' kull permess moghti taht l-artikolu 6B tal-Kap 217 li dik il-persuna ma ghandhiex gewwa Malta tezercita xi xoghol jew professjoni jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn persuna ohra jew li tkun fin-negozju minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-imigrazzjoni;

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija tiddikjara lill-imsemmi Hadhri Rochdi Ben Salem immigrant projbit u tordna hrug ta' ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-art 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Novembru, 2000 skond l-artikolu 370 (3) sabiex l-imputat ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 261 (c) (d) (e), 267 sa 281, 308, 309, 310, 20 u 533 tal-Kap 9 u 6(b) u 15 tal-Kap 217;

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Jannar 1999 u tal-5 ta' Dicembru, 2000;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza kienu s-segwenti:

Provi Prosekuzzjoni:

**Edmond Cachia**, xehed illi fit-2 ta' Jannar 1999 kien ghamel rapport lill-Ispettur Paul Vassallo illi kien sab xi flus neqsin mid-dar tieghu, li l-impuat kien jahdem mieghu bhala sajjied u li kellu jtih xi flus. Huwa spjega illi kien sar jaf lill-imputat meta sabu f'lanca tas-sajd tieghu u ta' shabu u beda jahdem maghhom. Huma gieli tawh xi flus b'self u kien jirrifondihom meta jircievi s-sehem tieghu. Xi sajjieda shab tax-xhud kienu infurmawh illi kellhom xi flus nieqsin u li f'okkazzjoni minnhom kien ta xi envelopes bi flus lil shabu u ftit wara cemplulu biex jinfurmawh li kien hemm in-nieqes.

Huwa kien ra lill-impuat b'mazz ta' flus meta dan ma kellux mezzi tant li kienu jselfuh flus is-sajjieda. Dan il-flus nieqsin kienu jammontaw ghal Lm60, Lm50 kif ukoll xi flus nieqsa min dar ta' Robert Grima li jahdem maghhom. Ix-xhud qal ukoll li ghad fadallu jiehu Lm60 li kien silef lill-imputat izda dan qatt ma gie lura ghax-xoghol ghaliex beda jahdem ma' haddiehor.

In kontro ezami ix-xhud ikkonferma li qatt ma kien hemm ftehim li l-imputat irodd lura il-flus mislufa f'hut.

**Robert Grima** xehed illi kien ilu jsofru flus nieqsa mid-dar tieghu u fl-ahhar induna min kien responsabbli. Dan ix-xhud qal li hu ukoll silef flus lill-imputat li kien beda jahdem mieghu u ma' shabu wara li kienu sabuh rieqed fil-lanca tas-sajd. Huwa spjega kif kellu Lm65 go envelop lesti ghal wiehed mill-haddiema li ma kienx tfacca ghaxx-xoghol, poggihom fil-vann u meta wasal id-dar ma sabhomx' Darba ohra kellu Lm34 go envelop ukoll ta' bahri iehor, qiedhom gol gib biex imur itihom lill-bahri u malli wasal ma sabhomx aktar; kellu envelop iehor kontenenti Lm210 destinti ghall-Edmond Cachia li hadhom fuq il-lanca u ma rahhomx aktar sakemm nizel ihammel il-friza. Huwa qal li dak in-nhar li l-imputat raqad id-dar ta' ommu u missier ix-xhud skopra li kellu Lm110 nieqsin mill-istess dar u finalment qal li recentement skopra li kienu naqsulu Lm300 minn go envelop u li kull darba li jigri hekk ma jarax aktar lill-imputat. Ix-xhud ikkonferma li huwa u ma ghandux permess biex ihaddem lill-impuat.

**L-Ispettur Paul Vassallo** li investiga l-kaz esebixxa stqarrija iffirmata mill-imputat. Dan ikkonferma illi kellu permess biex jahdem f'Malta ma' Carmelo Grech izda li kien qed jahdem ma' certu Eligio minn Marsaxlokk. Fl-istess stqarrija, l-imputat ikkonferma illi ghad fadallu irodd lura xi flejjes li kien issellef minghand is-sajjieda ta' Robert Grech izda cahad li qatt seraq flus minghandhom.

**Joseph Grech** xehed illi hu u l-imputat kienu jahdmu ma' Robert Grima u li l-imputat kien talbu xi flus biex imur lura pajjizu ghaliex kien ser jizzewweg huh u ghalhekk silfu Lm75 liema flus kellu jehodhom lura mis-sehem ta' l-imputat mis-sajd izda dan ma baqax jigi ghax-xoghol u ghalhekk ghamel rapport. In-kontro ezami ix-xhud ikkonferma illi l-imputat qatt ma cahad li kellu jrodd lura l-flus mislufa.

**Emanuel Grech**, sajjied iehor mal-grupp in kwistjoni qal illi l-imputat kien issellef flus minghandhom bil-hsieb li dan iroddhom lura minn sehemu tas-sajd u qal li kien fadallu jaghti s-somma ta' Lm338. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-imputat kien jahdem maghhom fuq il-bahar bhala sajjied.

**Joseph Galea** mid-Dipartiment tac-Cittadinanza qal li l-imputat kellu permess tax-xoghol f'Malta biex jahdem mal-Mediterranean Trawlers Company Limited fuq it-trawler MFD Marsojola F208 u dan s'April tal-1999. L-imputat kien ghamel talba biex jahdem ma' Robert Grima fis-6 ta' Lulju, 1998 izda din it-talba kienet rifjutata.

**Carmelo Grech** xehed illi l-imputat kien jahdem mieghu "daqqa jigi u ma jigix, ma tehodlux kopja" (fol 65). Dan ix-xhud qal ukoll li kien silef lill-imputat is-somma ta' Lm448 izda qatt ma raddielu lura. Robert Grima kien hallas lill-Grech l-ammont ta' Lm140 u wieghdu l-kumplament izda ma setghax ihallsu kollox dak il-hin ghaliex kellu xi cekkijiet mizmuma ghand il-pitkal.

**Sammy Vella** xehed illi hu u persuna ohra raw lill-imputat jisgassa l-bieb tal-flat taghhom f'San Lawrenz u li l-imputat gieli raqad ghandhom fl-istess flat. Mill-post ma tawx kaz jekk kienx hemm xi oggetti nieqsa. Izda in kontro ezami ix-xhud qal li cavetta wahda kellhom u dawn kienu jisselfuha bejn xulxin u l-imputat dahal minn wara bl-istess mod kif kienu jidhlu huma meta ma kienx ikollhom cavetta.

**Joseph Mifsud** xehed illi intebah li kellu sittin lira nieqsin minn go envelope li kien tah l-imghallem u kien ra "cappa flus" f'idejn l-imputat meta dan mar ihallas ghall-ikel u dan deherlu li kienet haga stramba meta l-imputat qatt ma kellu flus fuqu. L-istess gara lill-**Victor Zammit** li ukoll sab sittin lira nieqsin nill-pakkett tal-paga tieghu.

John Grima xehed illi l-imputat kien raqad ghandhom u jumejn wara huh kien induna li naqsulu xi flus. Jumejn qabel kien ra ammont ta' flus ghand l-imputat waqt party tas-sajjieda.

**Arnold Maniscalco** xehed illi kien jahdem fuq l-istess lanca ma' l-imputat u li f'okkazzjoni kien induna b'xi flus nieqsin izda kif qal dan ix-xhud stess "ma stajt inwahhal f'hadd" (fol.129)

Provi Difiza:

L-imputat cahad dak kollu li intqal dwaru. Huwa qal li kien jahdem ma Robert Grima izda ma baqax imur ghax-xoghol ghaliex ma baqax jircievi paga. Huwa spjega illi meta kien jitlob il-paga tieghu ta' mitejn jew tlett mitt lira dejjem inghata madwar disghin lira u Grima dejjem gablu l-iskuza li kein ikollu l-ispejjez tad-diesel xi jhallas. Dwar l-isgass, l-imputat qal li bi ftehim ma' shabu dejjem hekk sar biex jidhlu minn wara.

Ikkunsidrat:

Illi minn dak kollu li semghet il-Qorti, ma hemm ebda dubju li dan il-kaz huwa mibni biss fuq supposizzjonijiet kwantu jirrigwarda l-akkuzi ta' serq u akkwist ta' flus b'mezzi qarrieqa. Ix-xhieda prodotta hija xhieda tali li hadd ma jista' jghid bic-cert li l-imputat kien responsabbli ghan-nuqqas ta' flus li garrbu u wisq anqas ma tista' il-Qorti allura tikkonkludi b'dan il-mod. Uhud mix-xhieda stess jistqarru illi ma jistghux jghid li kien l-imputat li hadilhom il-flus minkejja li kullhadd jipponta subajh lejh. Fil-fehma tal-Qorti, biex persuna tinstab hatja, mhux ta' dan ir-rejat biss, izda ta' rejati ohra, jehtieg li l-prova tkun aktar diretta u din il-Qorti ma tistax toqghod fuq supposizzjonijiet. Jekk x-xhieda silfu xi flus lill-imputat u ma thallsux ghandhom rimedji ohra quddiem il-Qrati Civili, izda ma ngiebet l-ebda prova li tali self sar fuq kawza illegittima jew kimerika.

Dak li jirrizulta bla ebda dubju hu li l-imputat hadem ma' Robert Grima minghajr il-permess mehtieg mill-awtoritajiet Maltin ghal barrani. Dwar dan ir-rejat il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju u qed issibu hati tieghu fil-waqt illi ma ssibux hati ta' l-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom ghall-mottivi fuq moghtija.

Wara li rat l-artikoli 6 u 11 tal-Kap 217, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm 150) u stante li mill-atti jirrizulta illi l-imputat izzewweg mara ta' nazzjonalita` Maltija fil-mori tal-kawza, tastjeni milli tiddikjara lill-imputat bhala immigrant projbit u milli tornda t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer kif talbet il-prosekuzzjoni.

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur